KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

KLV/20/VI/2011

Minuti tal-Kunsill tar-Rabat Citta' Vittoria li nżammet nhar it-Tlieta, 18 ta' Jannar 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti: Samuel Azzopardi Sindku, Marcell Tabone Vici Sindku, Dr. Michael Portelli, Joe Debrincat, Michael Buttigieg, Josef Schembri, Carmelo Theuma u Anton Zammit a/Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku talab lill sħabu biex fl-aġenda jiiżdiedu tliet items oħra:

i. Karnival 2010

ii. Victoria Youth Council

iii. Rampa quddiem il-Kunvent tal-Kapuccini

Il-membri qablu unanimamant.

1. Talba

1.1 Is-Sindku qal it-talba.

2. Mill-minuti

2.1 Dwar para 6.1.26 il-kelma 'jiċċertifika' għanda tinbidel u tinqara 'jiċċekkja'

2.2 Il-Kunsill ġie mgħarraf li Zone A preżentament hija xolta minn Transport Malta sakemm tiġi solvuta sentenza ppreżentata il-Qorti. Il-preżenti xorta qablu li ż-żewg talbiet (7.1 u 7.2) diskussi fil-laqgħa precidenti għal dan il-għan, xorta għandhom jintbagħtu lill-Transport Malta.

2.3 Dwar artiklu 6.1.26 il-preżenti saqsew lis-Sindku jekk il-gandott f'tac-Cawla kienx sar. Sa fejn hu magħruf dan għadu ma sarx iżda hemm biss l-istima tal-Perit biss.

3. Serata di Gola – Grand Tour of Taste – Dopo Teatro con gli Chef.

3.1 Il-Kunsill ircieva l-programm għal din il-festa 'Serata di Cola' kif hija magħrufa mit-Taljani. Is-Sindku spiega l-programm li huwa mifrux fuq erba attivitajiet organizzati bejn April u Lulju 2011. Dan il-Kunsill huwa mistieden biex jattendi għas-serata tal-31 ta' Mejju. Il-membri ma sabux oġġezzjoni li jkunu preżenti għal dak il-jum. L-arranġamenti għandhom jiġu diskussi iktar 'l quddiem.

4. Cultural, Archaeological and Historical Trail fir-Rabat.

Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat VCT 1020 Għawdex, Malta
Tel. No. +356 21563344 Fax No. +356 21563355 Free No. 80075555
E-mail :- rabat.gozo.lc@gov.mt Website:- www.victoria.org.mt
Dr Samuel Azzopardi – Sindku Marcell Tabone – Vici Sindku
Kunsilliera – Dr Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttigieg, Josef Schembri, Carmel Theuma

4.1 Is-Sindku tħaddet fuq il-korrispondenza li għaddiet f'dan l-aħħar xahar dwar dan is-suggett. Dan informa lill sħabu li nhar il-ġimgħa li ġejja ser jitla' Malta biex jidher quddiem board dwar appell fuq dan is-suġġett.

5. Newsletter tal-Kunsill.

5.1 Is-Sindku talab il-veduti ta' sħabu dwar ħrug ta' gazzetta b'informazzjoni relatata ma' l-attivitajient u xogħlijiet konnessi ma' dan il-Kunsill. Issuġġerixxa ukoll li din għandha toħroġ kull tlett xhur. Ma kienx hemm oġġezzjoni pero' hawn qamet il-problema tal-*website* ta' l-istess Kunsill. ġie ssuġerit li l-Kunsill għandu jsib lill xi persuna mgħallma fuq dan is-suġġett.

6. Il-Kuntratt ta' l-iskart

6.1 Din il-materja ser tiġi diskussa bejn is-Sindku u s-Segretarju wara, titressaq quddiem board għall- aġġudigazzjoni.

7. Evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-aħħar tas-sena.

7.1 Is-Sindku ressaq artikolu minn gazzetta miktub minn Fr. E. Masini dwar it-tul esaġerat ta' daqq barra mill-ħin stipulat mill-liġi. Il-volum ma tnaqqas xejn sakemm spiċċa kollox, jiġifieri sa' l-erba' ta' filgħodu jew iżjed. Il-Kunsill għandu jieħu n-kunsiderazzjoni dan l-artikolu għal-din is-sena.

7.2 Joe Debrincat ġibed l-attenzjoni ta' sħabu wkoll li l-palk huwa baxx ħafna għal din l-attivita'. Issuġġerixxa li għandu jkun iżjed għoli. ġie suġġerit ukoll li l-bar m'għandux ikunu taħt it-tinda. Il-membri kollha qablu li l-attivita' reġgħet kienet suċċess.

8.1 Evalwazzjoni Strina 2010

8.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni ta' sħabu għan-negliġenza taż-żewġ socjatiet Rabtin għal mod kif imxew mall-Kunsill meta ippreżentaw l-għotja tagħhom lill-Community Chest Fund. Dawn it-tnejn tħallsu għas-servizzi li taw lill-Kunsill. Waqt l-għoti ta' l-offerta la sejħu lill membri tal-Kunsill li kienu preżenti u l-inqas semmew lill Kunsill ta' l-għajnuna li kisbu minn dan il-Kunsill. Hawn is-Sindku ssuġġerixxa li titnaqqas s-somma ta' mitejn euro kull soċjeta' għal din in-negliġenza. Saret votazzjoni fejn erbgha mill-prezenti approvaw is-suggeriment tas-Sindku filwaqt li t-tnejn l-ohra oggezzjonaw għal dan it-tnaqqis. Il-votazzjoni għaddiet mill-Kunsill.

9. Laqgħa ġenerali Annwali

9.1 Din il-laqgħa ġiet iffissata mill-preżenti għal nhar it-Tnejn, 31 ta' Jannar 2011. Fis-7 ta' filgħaxija.

10. L-offerta għar-restawr tan-niċeċ.

10.1 Il-preżenti qablu li jitolbu lill perit tal-Kunsill f'hiex waslu t-tentattivi għal dan il-proġett wara li l-file għaddiet lill adjudication board.

11. Il-Karnival 2010.

Is-Sindku informa lill sħabu peress li resaq iż-żmien tal-Karnival xieraq li nevaljaw x'sar is-sena l-ohra da parti ta' dan il-Kunsill. Ma wasal ebda kumment negattiv, anzi tajna sodisfazzjon

lill-poplu Rabti talli erġajna qajjimna attivitajiet li kienu kważi ġew eliminati. Il-membri qablu li l-programm tas-sena l-oħra jerġa jiġi ripetut anke din is-sena.

| | | |
|---|---|---|
| 7.00 – 8.00 pm | i. | Tittella' show għat-tfal |
| 8.00 – 10.00 pm | ii. | Varjeta u sketches għaż-żgħażagħ |
| | iii. | Maskli mill-parteċipanti matul it-toroq antiki tar-Rabat. |

Carmelo Theuma ġibed l-attenzjoni ta' sħabu biex jitolbu liż-żgħażagħ biex jibdew idoqqu kull nhar ta' Sibt fil-għaxija fiċ-ċentru tar-Rabat. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

12. Victoria Youth Council

12.1 Is-Sindku ppresenta fuq il-mejda l-istatut għaż-żgħażagħ Rabtin. Preżentament il-Presidenża tinsab f'idejn is-Sur Paul Sultana .

13 Rampa quddiem il-Kunvent tal-Kapuccini.

13.1 Is-Sindku informa lill-sħabu dwar il-korrispondenza li għaddejja fuq din ir-rampa. Peress li il-post indikat huwa f'idejn il-Gvern Centrali mhux possibbli li l-Kunsill jidhol ghal parti minn dan il-proġett. Intlaħaq ftehim li s-Segretarju jiehu parir minngħand id-Direttur għal Gvern Lokali.

12. Korrispondenza

12.1 Talba mingħand Mgr. Emm. Curmi għal donazzjoni lill Fondazzjoni Arka f'għeluq l-għaxar anniversarju mill-ftuħ tagħha. Il-membri qablu li fl-ewwel attivita' mtella' mill-Kunsill issir ġabra għal dan il-għan.

12.2 L_uffiċċjal Inkarigat Kultura ssottometta l-programm tal-Karnival Reġjonali t'Għawdex 2011.

12.3 Fl-uffiċċju tal-Kunsill waslet ittra mingħand Parkwell International dwar sistema ta' parking adekwat fir-Rabat. Din il-korrispondenza tħalliet għall-laqgħat oħra iżjed 'l quddiem.

12.4 Il-management tal-Arkadia talab għat-tpoġġija ta' żewg lampi madwar dan il-post. Din it-talba għandha tiġi ttakiljata iżjed il-quddiem.

12.5 Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament minghand is-Sur Anton Zammit, Direttur Astra Folk Group.

12.6 Waslet ukoll ittra mingħand Rev. Fr. Effie Masini dwar oġġezzjonijiet fuq l-attivita' ta' l-aħħar tas-sena fi Pjazza Indipendenza; i.tul eseġerat ta' l-attivita. Ii. Volum għoli ta' pa system sa tmiem il-varjeta.

12.7 Waslet ittra mingħand resident fi Triq Sant'Indrija dwar l-istat fqir li fih jinsab is-sqaq f'din it-triq. Il-kunsill ser jibgħat il-ħaddiema tiegħu biex jiċċekkjaw l-istat ta' dan is-sqaq.

13 Mozzjonijiet f'isem il-membri

13.1 Ta' Michael Buttigieg issekondata Joe. Debrincat

Teħel bozza fit-tarf ta' Triq Dr. Anton Tabone kantuniera ma' Triq il-Mithna.

Michael Buttigieg qal li din il-lampa kienet approvata iżda tpoġġiet band-oħra fl-istess triq. Il-preżenti qablu jerġgħu jirrapurtaw din il-lampa lill Ministeru għal-Għawdex.

13.2 Mozzjoni ta' Joe Debrincat issekondata minn Michael Buttigieg.

Dan qed jitlob li t-tliet lampi li twahhlu fi Trieq Agius De Soldanis Nri. R031, R032 u R033 jitbiddlu f'lampi b'wattage ikbar peress li preżentament huma b'wattage żghir ħafna. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 15 ta' Frar 2011.